*N.B. Fl-1848 bdiet toħroġ hawn Malta gazzetta fil-ġimgħa bl-isem ta' 'L'ORDINE Giornale Politico Religioso', din il-gazzetta kienet bit-Taljan. Ħaġa li tolqtok hija li dejjem ikkummentat fuq il-festa tal-Karmnu tal-Belt waqt li fuq festi oħra rari ferm jissemmew. Fil-librerija tal-kunvent tal-Karmnu tal-Belt għandna xi kopji ta' din il-gazzetta illegati. Se naqleb għall-Malti r-rapport li deher il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 1853, hemm oħrajn ta' snin qabel imma dan għandu xi ħaġa li tolqotna anke b'mod ta' storja.*

# Is-Sibt 16 ta' Lulju 1853

Kitba ta' P. Martin D. Schembri O. Carm.

Festa reliġjuża – il-jum festiv (16 ta' Lulju) li fih jingħata unur u tifħir f'solennità speċjali lil Dik li jgħaddu l-grazzji kollha msejħa u mitluba bit-titlu l-aktar kbir tal-Karmelu, hija ġurnata ferm sabiħa, ferm qaddisa, li ma jistax ikun li ma nsemmuhx b'mod speċjali kull darba li jiġi ċċelebrata u nirreġistraw dak li jkun twettaq.

Il-festi solenni tal-Verġni tal-Karmelu jikbru fil-briju b'kobor speċjali minn sena għall-oħra anke fil-popolarità, u fid-devozzjoni saret imfaħħra wisq bħala ġirja waħda fil-poplu kollu, u dan jidher fil-parteċipazzjoni minn kull parti tara nies ġejjin jitolbu fit-tempju lil Marija Santissima Omm Alla, juru sinjali ta' devozzjoni u fidi. Spiċċaw id-disat ijiem tan-novena f'talb ħerġin li huma disat ijiem qabel il-festa, li fihom isir kant tant sabiħ u tifħir lill-Verġni Mbierka. Tibda lejlet il-festa f'għasar kantat solennissimu li jiftaħ is-solennità b'mod brillanti, waqt li t-tempju (knisja) tkun imżejna b'mod ta' klassi għalih waħdu, waqt li lejlet u nhar il-festa t-talb tal-poplu jsir iżjed qawwi, tant nies fit-Tempju ħa jitolbu u jaraw il-mixegħla fit-tempju li ħafna jridu jistennew quddiem u fit-toroq ta' fejn it-Tempju biex jidħlu jitolbu u jsellmu lill-Verġni li tant hija għażiża għalihom. Meta niżlet ix-xemx it-triq ta' quddiem il-knisja u l-Pjazza San Ġorġ (*main Guard*) sa ħdejn l-ark il-kbir, kien mixgħul f'ħafna kuluri ħajjin li kull tant metri jirrepetu. U hekk il-poplu mħeġġeġ b'tant sbuħija u ferħ jiġri fit-toroq ikanta daqqa jammira l-pitturi tal-pavaljuni jew jaqra xi kitba jew jisma' l-mużika. Il-Pjazza San Ġorġ kienet il-post verament ta' qalbha li kien jiġi ammirat u l-iktar frekwenti. Fuq it-toroq tal-pjazza li madwarha kienu joħorġu piramidi tal-ħadid li kienu miksijin kollha fjakkoli, u fin-nofs kien hemm is-suldati f'parata tal-festa liebsin tal-gala. Minn fuq il-bini tan-nofs kienu joħorġu tliet linef kbar disinn il-ġmiel tiegħu u mal-kolonni skulturati mad-dawra tal-pjazza kien hemm salt bozoz b'ħafna kuluri mdawra bejn kolonna u oħra. Bejn bozza u oħra pavaljun ta' damask pitturati, kienu jiffurmaw bħal padiljun. Kien hemm żewġ baned tal-mużika waħda tar-Reġiment 68 u l-oħra tar-Reġiment R.M.F., kienet tibda waħda u tkompli l-oħra, kienu jdoqqu biċċiet magħżula ta' melodiji l-iktar reċenti u kienu mfaħħra ħafna biċ-ċapċip. Imma l-festa ta' lejletha li damet sa tard, ma kinitx biss f'dawn il-postijiet li semmejna, tajjeb insemmu l-ark tat-trijonfali li kien hemm fi Triq id-Dejqa ma' Triq it-Tempju, anke trijonfali oħra kienu fi Triq Zekka u Triq l-Isqof (illum Arċisqof) li kollha kien fihom mijiet ta' lumeni jixegħlu, f'ħafna kantunieri kienu jiġu armati artali bix-xbieha tal-Verġni ta' l-Imqaddes Labtu, ukoll ħafna statwi tagħha u pitturi, kollha mżejnin bid-dawl tal-lumeni, drappijiet mill-isbaħ fjuri tal-karti u fjuri friski, f'dan il-ferħ fost paċi ma waqafx iħeġġeġ qalb ma qaleb sew nofs il-lejl. L-għada (16 ta' Lulju) filgħodu kmieni l-poplu ħaffef lejn il-knisja fejn offra grazzji u talb lill-Verġni Marija, u kont tara kulħadd fit-toroq riesaq lejn il-knisja u poplu ma naqta' qatt. Fis-sebgħa u nofs l-Isqof Djoċesan Mons. Sant, akkumpanjat b'folla kbira ta' nies resaq biex jinżel jivvenera lil Dik li tant għandu mħabba lejha u wara beda l-quddiesa Mqaddsa. Sadanittant beda jsir il-ħin għall-quddiesa solenni, fil-knisja reġgħet kienet iffullata bin-nies biex jistgħu jgawdu l-funzjoni importanti. Qaddes il-Wisq Reverendu Patri Pirjol Ellul waqt li l-armoniji mużikali tal-Maestro Dr. P. Nani, li waqt b'mod singolari ħarġitlu ferm sabiħa l-*Qui Tolles* (Ħaruf ta' Alla) li kitibha għal din l-okkażjoni ta' din is-sena. Il-Wisq Reverendu Patri Majjistru Borg Provinċjal ta' l-Ordni Karmelitan qal it-tifħir (paniġierku bit-Taljan) lill-Verġni. Ġiet imqassma minn V. Micallef student żagħżugħ għal dawk preżenti poeżija bħala talba forma ta' sunett, li se nġibu iktar 'l isfel li nhossu ġiet miktuba mill-bravu mgħallem tagħna tal-lingwa Taljana tal-Liċeo Dr. G.A. Vassallo. Ma jistax ikun ma nfaħħrux l-eleganza ta' l-armar qaddis, il-mixgħela perfetta tal-lumenti, is-simetrija u l-gosti sbieħ u delikati ta' dak kollu li sebbaħ u għamel tant solenni din il-ġurnata tant glorjuża fit-tempju tal-Verġni tal-Karmnu.

Għall-ħabta tan-nofs ta' wara nofsinhar mit-tlieta 'l quddiem, waqaf ix-xogħol ordinarju kollu fil-Belt Valletta, u folla ta' nies ferħana bdew resqin b'numru kbir madwar il-knisja u fl-inħawi tal-qrib. Reġa' sar paneġierku ieħor bil-lingwa Maltija mill-Wisq Reverendu Kanonku Dun G. Borg tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-kant tat-tieni għasar, issa n-nies bdiet tgħaġġel biex tipprova ssib post fit-toroq ta' fejn kienet se tgħaddi l-purċissjoni. Minn fejn għaddiet il-purċissjoni t-toroq kienu maħnuqa bin-nies u ħlief ferħ ma kontx tħoss. L-istatwa tal-Verġni Mbierka kellha qabilha l-istatwa ta' Sant'Elija u daħlet fil-knisja iktar tard mis-soltu u kien verament dħul sabiħ u imponenti. Kollox kien diġà mixgħul, u malli waslet taħt l-ark trionfali l-kbir, inxteghlu eluf ta' fjammi tal-gass b'ħafna kuluri u l-għajjat ta' ferħ beda x'ħin dehret il-kitba *Décor Carmeli* (Ġmiel tal-Karmelu) dawn l-ittri xegħlu b'gassijiet tal-kuluri tal-fidda, filwaqt li mill-gallariji u twieqi dehru jixegħlu gassijiet u lumeni oħra u xita ta' fjuri bdiet nieżla minnhom. Il-ferħ u l-eluf ta' nies li ġġib din il-festa huwa straordinarju, tant li anke fit-toroq tad-dawra tal-knisja u fil-Pjazza San Ġorġ kienu maħluqa bin-nies u kien fihom l-istess baned ta' lejlet il-festa kif diġà semmejna.

# Alla B.B. Vergine Del Carmelo

***Preghiera***

O Madre Santa, che di gloria eterna
Cingli la fronte d'almi raggi lieta,
Frai perigli del mondo ne governa
Onde la palma d'ogni ben si mieta!

E pur nel mondo una tenabra inferna
Che il vero bene di mirar ci rueta;
Deh, spani sovra nei luce superna,
E il Cielo sia d'ogni desire meta!

Non siam i lampi della grazia spenti
Per lo mortale cui soventa acceca
"Il gran nemico delle umane genti!"

Ei volga in suo furor la fronte bieca!
Tu, Madre a chi col sangue ha noi redenti,
Tu ne difendi, e sante grazie arreca!



*Strada Teatru qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija.*